

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetari](#) > [Talbiet Żgħar](#) > Luxembourg

Talbiet żgħar



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Minbarra l-proċedura Ewropea dwar it-talbiet iż-żgħar stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-11 ta' Lulju 2007, fid-dritt Lussemburgiż, teżisti proċedura simplifikata għall-irkupru ta' talbiet sal-limitu ta' EUR 15,000 (li ma jinkludux l-imgħax u l-ispejjeż), magħrufa bħala "ordni għall-ħlas" (*ordonnance de paiement*).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċedura tal-ordni għall-ħlas tista' tintuża biex jiġi rkuprat dejn pekunjarju li ma jeċċedix EUR 15,000, dment li d-debitur ikun domiċiljat il-Lussemburgu.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Huma l-kredituri li għandhom jiddeċiedu jekk jużawx jew le l-proċedura tal-ordni għall-ħlas biex jirkupraw djun, peress li dawn jistgħu wkoll jifflu kawża b'ċitazzjoni (*citation*) biex jidhru quddiem il-kummissarju tal-ġustizzja.

1.3 Formoli

Rikors biex tinkiseb ordni għall-ħlas jista' jsir oralment jew bil-miktub quddiem ir-reġistru tal-kummissarju tal-ġustizzja.

Biex it-talba tkun valida jrid ikun fiha l-kunjomijiet, l-ismijiet, il-professjonijiet u d-domiċilji jew residenzi tar-rikorrent u tal-intimat, dikjarazzjoni tal-motivi u l-ammont pretiż u rikors biex tinkiseb ordni għall-ħlas kundizzjonali.

Il-kreditur irid jehmeż jew jiddepożita kull dokument li jikkostitwixxi prova tal-eżistenza u l-ammont tad-dejn u li jistabbilixxi li d-dejn huwa fondat.

1.4 Assistenza

Il-leġiżlazzjoni ma timponi l-ebda obbligu fuq l-uffiċjali ġudizzjarji jew fuq il-qrati sabiex jassistu lill-partijiet.

1.5 Regoli dwar is-smiġħ tal-provi

Japplikaw ir-regoli ordinarji dwar il-provi. Ara "[Smiġħ ta' xhieda - Il-Lussemburgu](#)".

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk id-debitur jippreżenta oġġezzjoni, u l-kreditur ikun jixtieq ikompli l-proċedimenti, il-kreditur irid, fi żmien 6 xhur mill-preżentazzjoni tal-oġġezzjoni, jippreżenta talba lill-kummissarju tal-ġustizzja għal smiġħ pubbliku biex jiġi diskussi l-merti tal-oġġezzjoni. Jekk il-kreditur ma jippreżentax talba għal smiġħ pubbliku f'dak il-perjodu, l-ordni ta' ħlas kundizzjonali titqies nulla u bla effett.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Is-sentenzi mogħtija f'kawżi ta' ordni għall-ħlas soġġetti għall-istess prinċipji u regoli bħas-sentenzi mogħtija skont il-proċedura ordinarja.

1.8 Rimborż tal-ispejjeż

Fid-dritt Lussemburġiż, il-parti telliefa normalment tiġi kkundannata għall-ispejjeż, minkejja li l-qorti tista' tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni speċjali u motivata jekk l-ispejjeż kollha jew parti minnhom għandhomx jitħallsu minn parti oħra. Jekk il-parti rebbieħa tkun ġarrbet l-ispejjeż tal-proċedimenti, tkun tista' titlob lill-parti l-oħra biex tirrimborzaha.

Kuntrarju għar-regola li teżisti f'pajjiżi oħrajn, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-avukat ma huwiex sistematiku. Skont il-liġi tal-Lussemburgu, l-"ispejjeż" imsemmija fl-Artikolu 238 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid jinkludu l-ispejjeż tal-uffiċjali ġudizzjarji, tal-esperti, kwalunkwe spiża mħallsa lix-xhieda, tat-traduzzjonijiet, eċċ., iżda mhux l-ispejjeż tal-avukati.

L-imħallef jista' jalloka somma f'daqqa lill-parti rebbieħa maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż imġarrba minħabba l-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat. Dan huwa partikolarment il-każ meta jkun inekwu li parti waħda titħalla ġġarrab spejjeż li ġarrbet u li ma humiex inklużi bħala kostijiet; l-imħallef jista' jordna lill-parti l-oħra tagħmel tali ħlas kif iqis xieraq l-imħallef.

Id-deċiżjoni li jingħata ħlas, flimkien mal-ammont tiegħu, hija fid-diskrezzjoni tal-imħallef.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Ir-regoli ordinarji japplikaw ukoll f'każijiet ta' ordnijiet ta' ħlas. Is-sentenzi tal-kummissarju tal-ġustizzja jistgħu jiġu appellati meta l-ammont ikkonċernat ikun iktar minn EUR 2,000.

Links relatati

[LEGILUX](#)

<https://justice.public.lu/fr.html>

 L-aħħar aġġornament: 26/03/2026

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.